It-twassil ta' dejta u għarfien biex jinkisbu l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-Ewropa

# Strateġija EEA-EIONET 2021–2030



In-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Disinn tal-qoxra: PomilioBlumm
Ritratt tal-qoxra: PomilioBlumm
Tqassim: PomilioBlumm - EEA

**Avviż legali**
Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas kwalunkwe persuna jew kumpanija li taġixxi f'isem l-Aġenzija ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

**Avviż dwar id-dritt tal-awtur**
© L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2021.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jiġi rikonoxxut is-sors.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu)

ISBN 978-92-9480-361-0
doi: 10.2800/36710

## Dwar l-EEA u l-Eionet

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea. Il-kompitu tagħna huwa li nipprovdu informazzjoni tajba u indipendenti dwar l-ambjent u l-klima. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-EEA ġie adottat mill-Unjoni Ewropea fl-1990, u l-Aġenzija bdiet topera f' Kopenħagen fl-1994. Ir-Regolament stabbilixxa wkoll in-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet). L-Eionet huwa netwerk ta' sħubija tal-EEA u l-pajjiżi membri u li jikkooperaw magħha. L-Einonet jinkludi wkoll iċ-Ċentri Topiċi Ewropej — konsorzji ta' organizzazzjonijiet Ewropej b'għarfien u kompetenza f'oqsma ambjentali speċifiċi, b'appoġġ għall-EEA u l-pajjiżi membri tal-Eionet.

Biex nappoġġaw it-tfassil tal-politika fl-Ewropa, aħna naħdmu mill-qrib mal-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

eea.europa.eu/about-us

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 KopenħagenK
Danimarka

Tel: +45 33 36 71 00
Web: eea.europa.eu/mt



It-twassil ta' dejta u għarfien biex jinkisbu l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-Ewropa

# Strateġija EEA-EIONET 2021–2030



Dan id-dokument jippreżenta l-viżjoni u l-objettivi strateġiċi li se jkunu qed isawru l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent fid-deċennji li ġejjin. Il-ħidma se titwettaq skont il-ħames oqsma ta' ħidma identifikati fid-dokument. Informazzjoni aktar dettaljata dwar attivitajiet konkreti se tiġi pprovduta f'Dokumenti ta' Programmar Individwali.

# L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent

**L-għoti ta' għarfien dwar l-ambjent u l-klima tal-Ewropa bbażat fuq l-evidenza**

## Dwarna

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) ilhom jipprovdu dejta u informazzjoni dwar l-ambjent u l-klima tal-Ewropa liċ-ċittadini Ewropej u lil dawk li jfasslu l-politika Ewropea mill-1994. Illum in-netwerk estensiv tagħna jgħaqqad mijiet ta' istituzzjonijiet minn 38 membru u pajjiżi li jikkooperaw.

Il-bażi tal-għarfien li ħloqna flimkien hija wiesgħa, li tvarja mill-kondiviżjoni tal-kejl tal-kwalità tal-arja qrib il-ħin reali minn madwar l-Ewropa, għad-dokumentazzjoni tax-xejriet u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-forniment ta' dejta satellitari dwar il-kopertura tal-art, u t-twettiq ta' valutazzjonijiet integrati dwar l-istat tal-ambjent u l-klima tal-Ewropa.

## X'jagħmel l-EEA-Eionet uniku?

- **Netwerk immirat biex ikompli jagħti valur:** Konnessjoni tal-istituzzjonijiet madwar l-Ewropa u twettiq ta' valutazzjoni komparattiva, tisħiħ tal-kapaċitajiet, razzjonalizzazzjoni kif ukoll skambju tal-aħjar prattiki.
- **Infrastruttura tad-dejta:** Infrastruttura innovattiva ta' rappurtar elettroniku għal flussi ta' dejta nazzjonali u internazzjonali, sostnuti minn proċessi ta' garanzija tal-kwalità.
- **Għarfien sostnut mid-dejta:** Li jinkludi valutazzjonijiet, indikaturi, u analiżijiet tal-progress lejn il-mira, bl-użu tal-aktar ġbir wiesa' u aġġornat ta' dejta dwar suġġetti ambjentali u klimatiċi.
- **Għajnuna politika:** Rwol ta' għarfien stabbilit ibbażat fuq ħidma mill-qrib ma' dawk li jfasslu l-politika madwar l-Ewropa u li jikkontribwixxi għal proċessi globali ewlenin.
- **Ħila analitika:** Il-kapaċità li jiġu evalwati l-progress, il-prospetti, l-ixprunaturi tal-bidla u r-reazzjonijiet għal politika potenzjali, li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti ambjentali u klimatiċi.

## Nirrispondu għall-isfidi tal-ġejjieni

**Il-tisħiħ tar-reżiljenza jirrikjedi politiki ambizzjużi appoġġati minn għarfien azzjonabbli**

Matul id-deċennju li ġej, l-Ewropa se jkollha bżonn tindirizza sfidi ambjentali u klimatiċi mingħajr preċedent, u fl-istess ħin tistimula rkupru mill-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miżuri ta' stimolu għall-irkupru ekoloġiku assoċjati juru l-ambizzjonijiet li l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi Ewropej għandhom jissodisfaw biex jiffaċċjaw dawn l-isfidi billi jistabbilixxu għanijiet fit-tul, b'miri konkreti, u jistabbilixxu strumenti finanzjarji ġodda.

"Europe's environment — state and outlook report" (Rapport dwar l-ambjent tal-Ewropa — il-qagħda u l-perspettiva) (SOER 2020) tal-EEA sejjaħ għal reazzjonijiet sistematiċi għall-isfidi ambjentali u klimatiċi permezz ta' azzjonijiet fuq diversi aspetti. L-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki eżistenti dwar l-ambjent u l-klima hija essenzjali biex jitwassal titjib sinifikanti. Minbarra dan, integrazzjoni sħiħa tal-objettivi sostenibbli fil-politiki u l-miżuri soċjoekonomiċi se tgħin ukoll biex jinkisbu tranżizzjonijiet kosteffettivi u ġusti għas-sostenibbiltà. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Ewropa toħloq ukoll il-kundizzjonijiet għal stili ta' ħajja aktar sostenibbli. Dan jitlob aktar sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-impatti ta' konsum kif ukoll impenn mill-kumpaniji biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet meħtieġa. Ħafna għanijiet mhux se jintlaħqu mingħajr sforzi koordinati u globali, għalhekk l-Ewropa se jkollha bżonn tuża l-influwenza tagħha fil-viċinat tagħha u fil-livell globali.

L-għażliet magħmula minn dawk li jfasslu l-politika, il-kumpaniji u ċ-ċittadini matul id-deċennju li ġej se jiddeterminaw meta u kif l-Ewropa se tikseb l-ambizzjonijiet tagħha. L-Istrateġija EEA-EIONET 2021–2030 se tappoġġa dawk l-għażliet billi twassal għarfien azzjonabbli dwar xejriet, prospetti u soluzzjonijiet għal Ewropa sostenibbli.

### L-isplużjoni kbira tad-dejta

- L-arja u l-klima
- Sostenibbiltà u benesseri
- In-natura
- Aktar minn suġġett ambjentali wieħed

Jekk l-2002 tittieħed bħala punt tat-tluq (it-tnedija ta' Reportnet), din il-viżwalizzazzjoni turi tkabbir konsistenti fid-dejta riċevuta dwar erba' suġġetti ambjentali.

Illum nimmaniġġjaw kważi 250 il-darba aktar dejta milli fl-2002.




| Sena | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Megabyte | 1,197 | 2,490 | 8,363 | 8,782 | 7,961 | 17,114 | 28,512 | 45,072 | 88,105 | 69,588 | 85,932 | 119,124 | 125,715 | 114,429 | 207,156 | 162,634 | 248,628 | | | |

# Strateġija EEA-EIONET 2021–2030

**It-twassil ta' dejta u għarfien biex jinkisbu l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-Ewropa**




## Dak li rridu niksbu: Viżjoni għall-2030

L-EEA u l-Eionet se jwasslu għal Ewropa sostenibbli permezz ta' għarfien affidabbli u azzjonabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar prijoritajiet u soluzzjonijiet, f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-politika tal-Ewropa.

## Nilħqu lil hinn mill-membri ta' Eionet

L-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikjedi li l-Ewropa taħdem globalment, mal-ġirien u s-sħab tagħha. Se nimmobilizzaw ħiliet u riżorsi b'appoġġ għal dawn l-ambizzjonijiet b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u fil-viċinat immedjat tal-Ewropa..

## L-ambizzjonijiet politiċi dwar l-ambjent u l-klima tal-Ewropa

L-indirizzar tal-isfidi ambjentali u klimatiċi huwa l-kompitu determinanti ta' żminijietna. Biex jinkiseb futur sostenibbli, l-inizjattivi ta' politika, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jitolbu azzjoni taħt l-intestaturi li ġejjin:

- It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistemi
- Il-kisba ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra fl-2050 u reżiljenza għall-klima
- Il-kisba ta' ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mit-tossiċità
- Il-kisba ta' effiċjenza fir-riżorsi f'ekonomija ċirkolari
- L-integrazzjoni ta' sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE

Se jkollna rwol ċentrali fl-appoġġ għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi taħt dawn il-politiki Ewropej ewlenin u fl-implimentazzjoni tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali.

Bl-istess mod, aħna se nappoġġaw l-isforzi globali, inkluż l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

## Kif se naħdmu: Objettivi Strateġiċi

### SO1 Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika u t-tranżizzjonijiet għas-sostenibbiltà

Inwasslu għarfien ibbażat fuq l-evidenza bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika u l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda biex tiġi aċċellerata u titħaffef it-tranżizzjoni għas-sostenibbiltà.

### SO2 Għoti ta' kontribut f'waqtu għal soluzzjonijiet għall-isfidi ta' sostenibbiltà

Nagħtu kontributi mmirati biex jinformaw il-politika u d-diskussjonijiet pubbliċi, billi jiġi organizzat u kkomunikat għarfien dwar ir-reazzjonijiet, inklużi soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-soċjetà.

### SO3 Bini ta' netwerks u sħubiji aktar b'saħħithom

Insaħħu n-netwerk tagħna permezz ta' involviment aktar attiv fil-livell tal-pajjiż u naħdmu ma' organizzazzjonijiet ewlenin oħra sabiex niffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ħiliet.

### SO4 Użu sħiħ tal-potenzjal tad-dejta, tat-teknoloġija u tad-diġitalizzazzjoni

Inħaddnu d-diġitalizzazzjoni, inklużi teknoloġiji ġodda, il-big dejta, l-intelliġenza artifiċjali u l-osservazzjoni tad-dinja li se jikkomplementaw u potenzjalment jissostitwixxu sorsi ta' informazzjoni stabbiliti biex jappoġġaw aħjar it-teħid tad-deċiżjonijiet.

### SO5 Investiment fl-ambizzjonijiet komuni tagħna

Niżviluppaw strutturi, ħiliet u kapaċità tul in-netwerk tagħna biex nilħqu l-ħtiġijiet ta' għarfien li qegħdin jevolvu, niżguraw u nniddiversifikaw ir-riżorsi meħtieġa biex niksbu l-viżjoni konġunta tagħna.

## X'se nagħmlu: Oqsma ta' ħidma

Se nwasslu għarfien azzjonabbli f'ħames oqsma ta' ħidma. Is-setturi tal-produzzjoni tal-Ewropa (inklużi l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u l-industrija) kif ukoll is-sistemi ta' produzzjoni u l-konsum (l-enerġija, il-mobbiltà, l-ikel, u l-bini) se jiġu indirizzati permezz ta' dawn l-oqsma ta' ħidma interkonnessi:

### Il-bijodiversità u l-ekosistemi

Quddiem it-telf kontinwu tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, l-Ewropa qiegħda tfittex li ġġib in-natura lura f'ħajjitna. Aħna se nimmonitorjaw din it-tranżizzjoni u nappoġġaw l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet f'dan il-qasam, inkluż l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

### Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih

It-tibdil fil-klima qed iseħħ issa u se jkompli fid-deċennji li ġejjin. L-Ewropa għandha l-għan li tikseb newtralità klimatika sal-2050 u ssir aktar reżiljenti u inqas vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Aħna se nimmonitorjaw din it-tranżizzjoni u nappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri f'dan il-qasam.

### Is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent

Aħna se nevalwaw l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem ikkawżati minn inkwinanti ambjentali u t-tibdil fil-klima tal-Ewropa, u se ntejbu l-fehim tagħna tal-fatturi soċjali u demografiċi li jaffettwaw l-esponiment u l-vulnerabbiltà taċ-ċittadini Ewropej. Aħna se nappoġġaw l-ambizzjonijiet ta' tniġġis żero tal-Ewropa u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet Ewropej u nazzjonali relatati.

### Ekonomija ċirkolari u l-użu tar-riżorsi

Aħna se nimmonitorjaw il-progress tat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari, u l-benefiċċji ambjentali u klimatiċi miksuba. Aħna se nevalwaw l-isforzi tal-Ewropa biex jitnaqqsu l-impatti kkawżati mill-konsum u l-produzzjoni ta' materja prima, prodotti, servizzi u skart.

### Xejriet, prospetti u reazzjonijiet għas-sostenibbiltà

Aħna nistgħu niksbu l-għanijiet ambizzjużi tagħna billi nistimulaw bidliet fundamentali fl-istili ta' ħajja u fit-tendenzi tal-konsum u tal-produzzjoni li jixprunaw xejriet mhux sostenibbli. Aħna se nevalwaw ix-xejriet u l-prospetti fost il-prijoritajiet, is-setturi, is-sistemi u l-politiki ambjentali, u ninvolvu lill-partijiet ikkonċernati dwar innovazzjonijiet u reazzjonijiet oħra meħtieġa biex jinkiseb il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

# VIŻJONI



© Alessandro Zoccarato, REDISCOVER Nature / EEA

## Viżjoni EEA-EIONET għall-2030

**Inwasslu Ewropa sostenibbli permezz ta' għarfien affidabbli u azzjonabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar prijoritajiet u soluzzjonijiet ambjentali u klimatiċi**

### Viżjoni komuni għal Ewropa sostenibbli

Il-viżjoni tagħna hija li nwasslu Ewropa sostenibbli permezz ta' għarfien affidabbli u azzjonabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar prijoritajiet u soluzzjonijiet ambjentali u klimatiċi, f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-politika tal-Ewropa.

L-EEA u l-Eionet flimkien ser ikunu n-netwerk ewlieni għall-għarfien dwar l-ambjent u l-klima rilevanti għall-politika fil-livelli tal-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi.

### Il-missjoni tagħna

Il-missjoni tagħna hija li nevalwaw id-dejta u l-informazzjoni, li nipprovdu għarfien rilevanti u f'waqtu dwar il-progress lejn l-għanijiet ta' sostenibbiltà ambjentali u tal-klima u t-tranżizzjonijiet tas-soċjetà mixtieqa, u li niżguraw monitoraġġ kontinwu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki ambjentali u klimatiċi rilevanti.

Fil-fehma tagħna l-għanijiet ambizzjużi tal-Ewropa dwar l-ambjent u l-klima se jinkisbu permezz ta' sensiela ta' deċiżjonijiet u għażliet interkonnessi f'livelli differenti — Ewropej, reġjonali, nazzjonali u lokali — u se jeħtieġu l-ħidma tagħna ma' imsieħba ewlenin u ma' organizzazzjonijiet oħra. Fit-twettiq tal-programmi ta' ħidma tagħna, se naħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' fornituri oħra ta' għarfien.

Biex niksbu impatt akbar, se niffukaw aktar fuq komunikazzjoni mmirata u f'waqtha biex niżguraw adozzjoni wiesgħa minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u mill-pubbliku.

# OBJETTIV STRATEĠIKU 1



© William Richardson , REDISCOVER Nature / EEA

## Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika u t-tranżizzjonijiet għas-sostenibbiltà

**Inwasslu għarfien ibbażat fuq l-evidenza bħala appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politiki u l-iżvilupp ta' politiki ġodda biex tiġi aċċellerata u titħaffef it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà**

L-għarfien tagħna, ibbażat fuq l-aħħar sejbiet xjentifiċi u dejta garantita mill-kwalità, se jgħin lill-Ewropa — l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u pajjiżi oħra membri u kooperattivi tal-EEA — jiksbu l-għanijiet ta' politika tagħhom, inklużi dawk identifikati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-impenji globali.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent se:

- Jipproduċu għarfien biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politika u jinformaw l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda li jistgħu jaċċelleraw u jħaffu t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà
- Jiżviluppaw aktar u jużaw il-firxa wiesgħa tagħna ta' settijiet tad-dejta ta' kwalità għolja b'serje ta' żmien twil li jappoġġa firxa wiesgħa ta' politiki ambjentali u klimatiċi
- Jiżguraw li nużaw l-aqwa xjenza disponibbli permezz tal-involviment tal-Kumitat Xjentifiku tal-EEA u tal-komunità xjentifika usa'
- Jiżviluppaw u jaqsmu l-għarfien dwar l-isfidi u s-soluzzjonijiet ewlenin għas-sostenibbiltà fis-sistemi tal-enerġija, il-mobbiltà, l-ikel u l-ambjent mibni
- Jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet usa' ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak tal-pajjiż, inklużi faċilitaturi tal-bidla bħas-settur finanzjarju u l-bliet
- Issaħħu l-kapaċità tagħna li nagħtu sehemna għall-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri.

L-appoġġ għall-integrazzjoni tal-għarfien dwar l-ambjent u l-klima fil-politiki ekonomiċi, l-ippjanar spazjali u l-koeżjoni soċjali — inkluż għarfien aktar profond fid-dinamika Ewropea u globali u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-politika madwar l-Ewropa — huwa prijorità għal din l-istrateġija.

Matul l-2021–2030, aħna se nappoġġaw ukoll proċessi ta' politika rilevanti tal-UE bħas-Semestru Ewropew u r-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Politika Ambjentali b'għarfien imtejjeb dwar, pereżempju, ix-xejriet u l-indikaturi ewlenin, il-prattiki ta' implimentazzjoni kosteffettivi u l-potenzjal li jiżdiedu l-innovazzjonijiet soċjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà.



# OBJETTIV STRATEĠIKU 2

© Radoslav Sviretsov, REDISCOVER Nature / EEA

## Għoti ta' kontribut f'waqtu għal soluzzjonijiet għall-isfidi ta' sostenibbiltà

**Nagħtu kontributi mmirati biex jinformaw il-politika u d-diskussjonijiet pubbliċi, billi jiġi organizzat u kkomunikat għarfien dwar ir-reazzjonijiet, inklużi soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-soċjetà**

L-impatt u l-influwenza tal-għarfien tal-EEA-EIONET se jiddependu fuq l-abbiltà u l-kapaċità tagħna li nużawh fid-dibattiti pubbliċi u ta' politika rilevanti fil-ħin opportun u bl-aħjar mod. Biex nagħmlu dan, aħna se:

- Inżidu l-kapaċità tagħna li nimmonitorjaw u nidentifikaw kwistjonijiet emerġenti u nimmobilizzaw malajr l-għarfien rilevanti miżmum fi ħdan in-netwerk tagħna u minn sħab oħra
- Insaħħu l-kapaċità tagħna li nipprovdu reazzjoni immedjata għat-talbiet ta' għarfien minn dawk li jfasslu l-politika
- Naqsmu soluzzjonijiet innovattivi implimentati f'livelli differenti ta' governanza f'pajjiżi Ewropej
- Niżviluppaw u nwasslu l-għarfien tagħna lil dawk li jfasslu l-politika u lill-pubbliku fl-aktar formati adatti għall-ħtiġijiet tagħhom sabiex jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-użu usa' fit-teħid tad-deċiżjonijiet
- Niżviluppaw kontinwament approċċi, mezzi u għodod ta' komunikazzjoni sabiex niżguraw li l-għarfien tagħna jkun jinftiehem, disponibbli u aċċessibbli minn kulħadd, filwaqt li nsaħħu l-kapaċità tagħna li ninvolvu ruħna b'mod attiv maċ-ċittadini.

Ir-riċerkaturi, il-prattikanti, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-korpi ta' finanzjament, il-bliet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se jaħdmu flimkien permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-proċessi ta' tranżizzjoni.






# Bini ta' Netwerks u sħubiji aktar b'saħħithom

**Insaħħu n-netwerk tagħna permezz ta' involviment aktar attiv fil-livell tal-pajjiż u naħdmu ma' organizzazzjonijiet ewlenin oħra sabiex niffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ħiliet**

L-EEA u l-Eionet ilaqqgħu flimkien mijiet ta' organizzazzjonijiet — istituzzjonijiet Ewropej, awtoritajiet pubbliċi u istituzzjonijiet ta' riċerka minn madwar l-Ewropa. In-netwerk tagħna jħaddan l-Istati Membri kollha tal-UE, il-pajjiżi involuti fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE kif ukoll għadd ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE.

Aħna niffurmaw netwerk uniku ta' għarfien, li jgħaqqad dejta robusta, ħiliet analitiċi u xjentifiċi ma' proċessi ta' politika Ewropej, u f'xi każijiet ma' proċessi ta' politika globali. Dan jippermettilna nwettqu valutazzjonijiet integrati, li jkopru l-aktar firxa wiesgħa ta' suġġetti appoġġati minn dejta u ħiliet sodi.

Biex inwasslu l-għarfien li l-Ewropa teħtieġ biex tilħaq l-għanijiet ta' sostenibbiltà tagħha, aħna se:

- Nevolvu f'netwerk ta' għarfien aktar flessibbli u innovattiv, li jgħaqqad aħjar il-ħiliet b'saħħithom fil-livell tal-pajjiż ma' dawk fil-livell Ewropew
- Inrawmu involviment aktar attiv fil-livell tal-pajjiż, permezz ta' attivitajiet li jinvolvu sett varjat ta' awtoritajiet, organizzazzjonijiet u l-pubbliku
- Ngħaqqdu l-isforzi ma' netwerks ewlenin oħra, bħan-Netwerk tal-Aġenziji għall-Protezzjoni tal-Ambjent, ir-rapportar u n-netwerks u l-assoċjazzjonijiet xjentifiċi
- Nidentifikaw u naħdmu mal-komunità tal-għarfien fil-livell Ewropew biex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa
- Nidentifikaw lakuni ta' għarfien emerġenti u nesploraw azzjonijiet kollaborattivi ma' sħab rilevanti, inklużi aġenziji tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, biex ngħinuhom jindirizzawhom
- Inkomplu nsaħħu l-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet internazzjonali fi proċessi reġjonali u globali ewlenin, inklużi l-korpi u l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, dwar obbligi ta' rapportar u suġġetti ta' interess komuni.

# OBJETTIV STRATEĠIKU 4



## Użu sħiħ tal-potenzjal tad-dejta, tat-teknoloġija u tad-diġitalizzazzjoni

**Appoġġ fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-aġenda politika tal-Ewropa, filwaqt li nħaddnu l-istrateġija Ewropea għad-dejta u l-aġenda diġitali, il-potenzjal tal-big dejta, l-intelliġenza artifiċjali u l-osservazzjoni tad-dinja għal titjib fit-twassil tal-informazzjoni**

It-teknoloġiji diġitali, id-dejta minn sorsi ġodda u l-osservazzjoni tad-dinja, u l-kapaċitajiet tal-informatika kienu qed jiżviluppaw b'pass bla preċedent f'dan l-aħħar deċennju. Dawn l-iżviluppi jippreżentaw possibbiltajiet ġodda kif ukoll sfidi ġodda. Flussi ġodda ta' dejta f'diversi livelli spazjali qed jiġu inkorporati dejjem aktar ma' sorsi stabbiliti ta' dejta, konnessi ma' varjabbli soċjoekonomiċi u marbuta ma' dejta qrib il-ħin reali mis-satelliti u osservazzjonijiet *in-situ*.

Filwaqt li nistennew li din ir-rivoluzzjoni tad-dejta u d-diġitalizzazzjoni jkomplu matul id-deċennju li ġej, u sabiex intejbu l-ħidma tagħna dwar id-dejta u l-għarfien, aħna se:

- Nintensifikaw il-kondiviżjoni tad-dejta, l-awtomatizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-monitoraġġ u r-rapportar fin-netwerk kollu tagħna
- Nagħmlu d-dejta kollha tagħna traċċabbli, interoperabbli, aċċessibbli u riutilizzabbli bħala ċ-ċentru ewlieni Ewropew tad-dejta dwar l-ambjent
- Nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-servizzi tad-dejta u l-informazzjoni ta' Copernicus, ix-xjenza taċ-ċittadini, il-big dejta u l-intelliġenza artifiċjali
- Intejbu l-puntwalità, il-komparabbiltà, il-granularità u l-integrazzjoni tad-dejta, inkluż il-potenzjal għal valutazzjoni komparattiva
- Niżguraw innovazzjoni kontinwa mmexxija mid-dejta b'enfasi fuq l-avvanz fl-estrazzjoni tad-dejta, l-analitika, is-sistemi ta' informazzjoni ġeografika, il-viżwalizzazzjonijiet tad-dejta u l-immudellar għal aġġornamenti regolari tal-indikaturi
- Niffaċilitaw l-iskambju tal-ħiliet, l-appoġġ tekniku u r-razzjonalizzazzjoni meħtieġa għal implimentazzjoni aħjar tal-politiki eżistenti
- Nesploraw u, fejn rilevanti, nevalwaw l-interkonnessjonijiet bejn id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali.

# OBJETTIV STRATEĠIKU 5



## Investiment fl-ambizzjonijiet komuni tagħna

**Niżviluppaw strutturi, ħiliet u kapaċità tul in-netwerk tagħna biex nilħqu l-ħtiġijiet diversi ta' għarfien u li qedgħin jevolvu, niżguraw u niddiversifikaw ir-riżorsi meħtieġa biex niksbu l-viżjoni konġunta tagħna**

Żviluppi kontinwi fl-għarfien, fit-teknoloġija, fil-komunikazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet u n-netwerks jadattaw u jinnovaw l-istrutturi u l-għodod eżistenti u jinvestu f'oqsma ġodda.

Biex inkunu fuq quddiem nett ta' żviluppi bħal dawn u biex niksbu l-ambizzjonijiet komuni tagħna, aħna se:

- Nattiraw l-aqwa talent u ninvestu fil-persunal tagħna biex niżviluppaw u nżommu l-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa biex inwettqu din il-viżjoni
- Niżguraw diversifikazzjoni ġestita tal-bażi tar-riżorsi finanzjarji tal-EEA, filwaqt li nħarsu r-rwol istituzzjonali u l-indipendenza tal-Aġenzija
- Infittxu il-finanzjament meħtieġ biex nużaw il-potenzjal sħiħ tad-dejta ta' Copernicus permezz ta' netwerking b'saħħtu ma' atturi ewlenin oħra li jorbtu l-flussi tad-dejta li qed jiżdiedu ma' dawk li jfasslu l-politika
- Inwessgħu l-parteċipazzjoni tal-EEA u tal-Eionet fi proġetti ta' riċerka rilevanti tal-UE, biex b'hekk insaħħu r-rwol tagħna fl-interfaċċja tax-xjenza u l-politika
- Nesploraw opportunitajiet ta' finanzjament permezz ta' strumenti finanzjarji tal-UE biex in-netwerk tagħna jkun jista' jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-politika fejn meħtieġ, u jappoġġa komunitajiet ta' prattika
- Insaħħu l-kapaċitajiet fil-pajjiżi membri u dawk li jikkooperaw biex jiġi żgurat li n-netwerk tagħna jkun jista' jwieġeb għall-ħtiġijiet u d-domandi li qedgħin jinbidlu
- Nappoġġw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet esperti u innovazzjonijiet fl-għarfien fin-netwerk tagħna permezz ta' mekkaniżmi strutturati, bħall-*EEAcademy*
- Nappoġġaw il-ħiliet u r-rekwiżiti marbuta mal-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent u l-klima fil-Balkani tal-Punent.

Il-kisba ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà se tirrikjedi li l-oqsma ta' politika u l-livelli kollha ta' gvernijiet joperaw flimkien biex jixprunaw bidliet u azzjonijiet fis-soċjetà sħiħa. Dan jimplika kontributi koerenti minn diversi oqsma ta' politika, li jvarjaw mir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ekonomija, l-industrija, il-kompetizzjoni u l-kummerċ, sal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-benesseri.

# Oqsma ta' ħidma

## Kull wieħed mill-ħames objettivi strateġiċi se jitwassal fl-oqsma kollha ta' ħidma tagħna.

L-EEA u l-Eionet se jkollhom rwol ewlieni fl-appoġġ ta' azzjonijiet ambjentali u klimatiċi taħt il-politiki Ewropej, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-implimentazzjoni tat-Tmien EAP b'mod partikolari, kif ukoll l-impenji globali tal-Ewropa.

Se nagħtu prijorità il-fehim tal-interkonnessjonijiet fi ħdan u bejn dawn l-oqsma ta' ħidma. Is-setturi tal-produzzjoni (l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-industrija) kif ukoll is-sistemi ta' produzzjoni u l-konsum (l-enerġija, il-mobbiltà, l-ikel, il-bini) se jiġu indirizzati, inklużi analiżijiet f'dawn is-setturi u sistemi.

### 1 Il-bijodiversità u l-ekosistemi

Aħna se ninfurmaw u nevalwaw azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u lejn ir-restawr tal-ekosistemi għall-użu sostenibbli tagħhom biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tan-nies. Aħna se nappoġġaw l-attivitajiet ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni bbażati fuq id-dejta, skont l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030 b'mod partikolari, billi:

- Nagħtu kontribut għas-sistemi ta' monitoraġġ u osservazzjoni li jtejbu l-flussi tad-dejta dwar l-istat tal-bijodiversità u l-pressjonijiet fuqha, il-bidliet fl-ekosistemi tal-baħar, tal-ilma u tal-art
- Insaħħu l-fehim tagħna tal-impatti kumulattivi tal-ispeċijiet aljeni invażivi, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima u l-użu intensiv u l-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi naturali, il-bijodiversità u l-ekosistemi
- Insaħħu l-valutazzjoni tagħna tal-motivaturi sistemiċi ewlenin li għandhom impatt fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi
- Intejbu l-użu tal-analitika u l-immudellar ekoloġiċi u ekonomiċi, li jippermettu l-ħidma ta' valutazzjoni tagħna biex tappoġġa aħjar il-prattiki ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistema
- Nappoġġaw approċċi għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, b'enfasi fuq il-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli ta' ekosistemi vitali, anke fil-kuntest ta' azzjonijiet dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih kif ukoll il-bijoekonomija
- Intejbu l-appoġġ tagħna għal implimentazzjoni effettiva u koerenti tal-istrateġiji interkonnessi tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħal Mill-Għalqa sal-Platt u t-Tniġġis Żero, u l-politiki assoċjati magħhom, filwaqt li nkomplu l-ħidma tagħna dwar l-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi ekonomiċi kollha u s-sistemi dipendenti fuq in-natura, bħall-ikel.

### 2 Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih

Aħna se nimmonitorjaw il-progress tal-Ewropa lejn in-newtralità klimatika u r-reżiljenza klimatika, u nappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki rilevanti u l-miżuri ta' akkumpanjament, fil-kuntest tal-objettivi usa' tas-sostenibbiltà tal-Ewropa, billi:

- Niġbru, nagħmlu l-kontrolli tal-kwalità, inqassmu u nirrapurtaw id-dejta u l-informazzjoni rilevanti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-vulnerabbiltà u l-adattament fl-Ewropa
- Nanalizzaw u nevalwaw din id-dejta skont l-objettivi u l-impenji Ewropej u nazzjonali ta' mitigazzjoni u adattament
- Nosservaw l-implimentazzjoni u l-effetti ta' politiki nazzjonali relatati mal-klima u miżuri ta' akkumpanjament immirati lejn setturi bħall-enerġija, it-trasport, il-bini, l-agrikoltura, il-forestrija u użu ieħor tal-art
- Nidentifikaw sinerġiji u kompromessi tal-politiki ta' mitigazzjoni u adattament tal-klima ma' kwistjonijiet ambjentali oħra, bħall-bijodiversità, it-tniġġis tal-arja, l-ilma ħelu u l-ambjent tal-baħar
- Niżviluppaw għarfien dwar soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u ta' sostenibbiltà fis-sistemi tal-enerġija u tal-mobbiltà.

### 3 Is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent

Se nivvalutaw l-impatti fuq is-saħħa kkawżati mit-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-istorbju, is-sustanzi kimiċi u l-klima li qed tinbidel fl-Ewropa. Aħna se nappoġġaw l-ambizzjonijiet ta' tniġġis żero tal-Ewropa, u l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' azzjonijiet Ewropej u nazzjonali rilevanti billi:

- Nevalwaw l-esponiment u l-impatti fuq is-saħħa taċ-ċittadini esposti għat-tniġġis ambjentali, is-sustanzi kimiċi u t-tibdil fil-klima tal-Ewropa
- Nevalwaw il-benefiċċji għas-saħħa u l-benesseri li jistgħu jinkisbu minn ambjent aktar nadif u ekosistemi f'saħħithom, u min-naħa l-oħra nidentifikaw ir-riskji emerġenti u l-impatti fuq is-saħħa marbuta mad-degradazzjoni tal-ekosistemi
- Nappoġġaw ir-rapportar, l-ipproċessar u d-disseminazzjoni f'waqthom ta' dejta u informazzjoni tematiċi rrapportati skont il-leġiżlazzjoni rilevanti u l-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi ta' politika tal-Ewropa
- Nidentifikaw l-impatti li l-pressjonijiet ambjentali mis-setturi u s-sistemi soċjoekonomiċi tal-Ewropa għandhom fuq is-saħħa, u l-benefiċċji li l-azzjonijiet u l-politiki ta' mitigazzjoni jistgħu jwasslu.
- Inkomplu nenfasizzaw ir-rwol li l-fatturi soċjali, inklużi l-inugwaljanzi soċjali u l-imġiba individwali, jista' jkollhom fl-influwenzar kemm tal-esponiment kif ukoll tal-vulnerabbiltà għal fatturi ta' stress ambjentali, f'konformità mal-prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

### 4 Ekonomija ċirkolari u l-użu tar-riżorsi

Aħna se nevalwaw il-progress tat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari u l-għarfien tagħna dwar il-pressjonijiet ambjentali u klimatiċi kkawżati mill-produzzjoni u l-konsum tal-Ewropa ta' materja prima, prodotti, servizzi u skart. Aħna se nappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, u l-politiki Ewropej u nazzjonali relatati billi:

- Nevalwaw il-progress tat-tranżizzjoni tal-Ewropa minn ekonomija lineari għal ekonomija ċirkolari, b'enfasi fuq il-ktajjen ewlenin tal-valur tal-prodott u s-servizzi u l-mudelli tan-negozju innovattivi
- Nitfgħu enfasi fuq opportunitajiet għat-titjib taċ-ċirkolarità inkluż ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materja prima sekondarja, l-adozzjoni ta' prinċipji sikuri u sostenibbli mid-disinn, l-ekoinnovazzjoni u l-prattiki tajba, u l-identifikazzjoni tal-ostakli għal ċirkolarità akbar
- Nimmonitorjaw il-progress lejn l-objettivi ta' politika tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-ġestjoni sostenibbli tal-iskart
- Nevalwaw l-impatti fuq l-ambjent u l-klima tas-sistemi ta' konsum u produzzjoni tal-Ewropa minn perspettivi Ewropej u globali b'enfasi fuq setturi li jużaw ħafna riżorsi, kif ukoll l-interkonnessjonijiet bejn l-ekonomija ċirkolari, l-inizjattivi ta' dekarbonizzazzjoni u l-bijoekonomija.

### 5 Xejriet, prospetti u reazzjonijiet għas-sostenibbiltà

Aħna se ninfurmaw id-diskussjonijiet dwar l-isfidi u t-tranżizzjonijiet għas-sostenibbiltà billi nevalwaw is-sinerġiji u l-kompromessi inerenti għall-ibbilanċjar simultanju tal-objettivi ambjentali, ekonomiċi u soċjali billi:

- Nevalwaw ix-xejriet u l-prospetti għas-sostenibbiltà fl-Ewropa u globalment fost il-prijoritajiet, is-setturi, is-sistemi u l-politiki ambjentali u klimatiċi b'appoġġ għar-rapporti dwar l-ambjent tal-Ewropa — il-qagħda u l-perspettiva għall-2025 u l-2030
- Nappoġġaw monitoraġġ tal-oqsma ibbażat fuq l-indikaturi li jinformaw il-progress fil-prijoritajiet ta' politika tal-UE, b'mod partikolari t-Tmien EAP, l-Analiżi regolari tal-Implimentazzjoni Ambjentali, il-Patt Ekoloġiku Ewropew
- Nagħtu kontribut għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, mal-pajjiżi, tal-progress bejn il-prijoritajiet ambjentali u klimatiċi, skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli
- Nevalwaw l-interdipendenza bejn id-dimensjonijiet soċjoekonomiċi-ambjentali-governattivi tas-sostenibbiltà, inklużi xprunaturi tal-bidla, sinerġiji pożittivi u esternalitajiet negattivi
- Naħdmu id f'id ma' sħab ewlenin fil-prospettiva strateġika rilevanti tal-UE u l-proċessi tal-partijiet ikkonċernati biex jingħabar tagħrif u għarfien azzjonabbli dwar il-perkorsi għat-tranżizzjonijiet għas-sostenibbiltà
- Nappoġġaw l-iżvilupp tal-għarfien dwar it-tranżizzjonijiet tas-sistemi bħas-sinerġiji, ir-riskji, l-innovazzjonijiet, l-integrazzjoni tal-politika u l-koerenza tal-politika — b'enfasi fuq il-bliet u s-settur finanzjarju
- Nevalwaw kif il-finanzjament sostenibbli jista' jistimula l-isforzi biex tinkiseb is-sostenibbiltà fi ħdan il-qafas tal-pjanijiet ta' rkupru ta' wara l-pandemija u kuntest makroekonomiku li qed jinbidel.



TH-03-21-001-EN-N
doi:10.2800/92395




Publications Office
of the European Union

In-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent